

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 18.9.2008
SEC(2008) 2454

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI

Li jakkumpanja l-

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-
PARLAMENT EWROPEW**

Dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2009-2012)

ĠABRA FIL-QOSOR TAL-ISTIMA TAL-IMPATT

{COM(2008) 567}
{SEC(2008) 2455}
{SEC(2008) 2456}

Sommarju Eżekuttiv

1.1. Introduzzjoni

Din l-istima tal-impatt hija maħsuba sabiex tistabbilixxi l-aktar għażla ta' politika xierqa sabiex tkun tista' tiġi implimentata l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2005-2012)¹. L-Istrateġija għandha l-għan li tipproteġi s-saħħa pubblika u li tiggarantixxi li sew is-soċjetà kif ukoll l-individwu jkunu aktar imħarsa, u jkun jħossuhom aħjar, kif ukoll biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà għall-pubbliku in ġenerali billi jittieħed approċ bilanċjat u integrat għall-problema tad-drogi. L-Istrateġija tfassal il-qafas, l-għanijiet u l-prijoritajiet għal attivitajiet marbuta mad-droga fl-UE, li għandhom jiġu implimentati u hija implimentata permezz ta' żewġ Pjan ta' Azzjoni konsekuttivi tal-UE dwar id-drogi. L-ewwel Pjan dwar id-Drogi tal-UE (2005-2008)² ġie adottat fl-2005. Fl-ewwel nofs tal-2008, il-Kummissjoni organizzat evalwazzjoni ex-post sabiex tkejjel l-impatt tiegħu u bil-ħsieb li tipproponi Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE dwar id-Drogi (2009-2012). Din l-istima tal-impatt hija bbażata, fil-biċċa l-kbira, fuq ir-riżultati tal-evalwazzjoni.

Għall-fini tal-evalwazzjoni u ta' din l-istima tal-impatt, il-Kummissjoni kkonsultat ma' gruppi differenti ta' persuni u entitajiet ċentrali involuti. Barra minn konsultazzjoni kontinwa u skambju tal-informazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG) tal-Kunsill, it-twaqqif ta' Grupp ta' Direzzjoni bejn is-Servizzi (ISSG) kien ta' garanzija biex ikun hemm involviment wiesa' mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar din l-istima tal-impatt. Twaqqaf Grupp ta' Direzzjoni għal konsultazzjoni minn esperti qabel, u matul, il-proċess ta' evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2005-2008). F'żewġ sessjonijiet separati, il-Kummissjoni kkonsultat il-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi. Ma ġiet organizzata l-ebda konsultazzjoni miftuħa għal din l-istima tal-impatt, l-aktar minħabba limitazzjonijiet ta' ħin.

1.2. Id-definizzjoni tal-Problema

L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2005-2012) kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2005-2008) ġew żviluppati madwar iż-żewġ dimensjonijiet ewlenin tal-politika dwar id-drogi, *it-tnaqqis fid-domanda għad-drogi* u *t-tnaqqis fil-provvista tad-drogi*, ikkumplementati minn tliet temi ġenerali, *il-koordinazzjoni*, *il-koooperazzjoni internazzjonali* u *l-informazzjoni*, *ir-riċerka* u *l-evalwazzjoni*.

Il-Pjan ta' Azzjoni huwa strument ta' koordinazzjoni li ma jorbotx, maħsub l-aktar għal Stati Membri, li jimplimentaw il-miriet u l-għanijiet tiegħu b'mod indipendenti. Għadd limitat ta' għanijiet u azzjonijiet huma implimentati fuq livell tal-UE biss, jiġifieri permezz ta' attivitajiet tal-Kummissjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni huwa ta' gwida fuq il-livell nazzjonali ta' politika dwar id-drogi, iżda jikkomplika l-kejl tal-impatti diretti tal-pjan peress li l-biċċa l-kbira tal-għanijiet u l-azzjonijiet fil-Pjan ta' Azzjoni jkunu implimentati indirettament. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu l-għan li jkun influwenti fl-azzjonijiet ta' oħrajn.

L-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2005-2008) turi li l-għanijiet tiegħu ġew ikkonvertiti f'politika nazzjonali, u/jew kienu diġà riflessi f'dokumenti eżistenti ta' politika. L-evalwazzjoni tindika li l-Pjan ta' Azzjoni inizzja firxa wiesgħa ta' attivitajiet u

¹ CORDROGUE 77, 22.11.2004

² ĠU C 168, 8.7.2005.

kooperazzjoni. Sar progress fejn jidħlu prattikament l-għanijiet u l-azzjonijiet speċifiċi kollha, anki jekk bi gradi differenti ta' suċċess. L-evalwazzjoni identifikat ukoll għadd ta' problemi importanti. Il-Pjan ta' Azzjoni jbatu minn għadd ta' inkonsistenzi interni kif ukoll minn għadd kbir ta' għanijiet u azzjonijiet, kif ukoll nuqqas ta' prijoritizzazzjoni bejniethom.

Il-Koordinazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tkun tista' tittejjeb, fost affarijiet oħra, billi jiġu stabbiliti prijoritajiet aktar ċari u billi tittejjeb il-kommunikazzjoni dwar l-għanijiet tal-politika dwar id-drogi tal-UE fost l-oqsma ta' politika.

Fil-qasam ta' *tnaqqis tad-domanda għad-drogi*, kienu biss ftit l-Istati Membri li introduċew linji ta' gwida ġenerali dwar il-kwalità fejn jidħlu l-prevenzjoni, it-tnaqqis tal-ħsara u l-kura. Barra minn dan, trid tingħata enfażi lit-titjib tal-effettività, l-aċċessibbiltà, il-provvista u l-kopertura tas-servizzi tal-kura u tat-tnaqqis tal-ħsara. L-Istati Membri jridu wkoll jinvestu biex jadattaw/jaġġustaw għal xejriet ġodda fid-domanda għall-kura. L-għoti tal-prevenzjoni, it-tnaqqis tal-ħsara u l-kura lil ħabsin, meta mqabbel ma' dak li jingħata barra mill-ħabs, huwa ta' importanza akbar sabiex jonqsu sew il-mard li jittieħed kif ukoll l-imwiet li huma marbuta mad-droga, li r-rati prevalenti tagħhom huma għola b'mod konsiderevoli fi ħdan is-sistema tal-ħabs milli barra minnha.

Fil-qasam tat-*tnaqqis fil-provvista tad-droga*, il-kooperazzjoni bejn l-Istat Membri fl-infurzar tal-liġijiet fil-qasam tad-droga tindika xejra ta' żieda, iżda mhux qed jintużaw sal-massimu tal-potenzjal tagħhom strumenti eżistenti bħal ma huma Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni u Organizzazzjonijiet Konġunti tad-Dwana. Hemm ukoll lok sostanzjali għal titjib fil-kontribuzzjoni tal-Istati Membri lejn l-attivitajiet tal-Europol, pereż. fl-iskambju tal-informazzjoni u l-ġbir ta' għarfien permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fuq livell nazzjonali. Ir-riżultati pożittivi ta' proġetti reċenti ta' infurzar transkonfinali tal-liġi (pereż. MAOC-N), juru l-importanza li jissaħħa il-ġbir u t-tqassim tal-għarfien bħala bażi għal infurzar imtejjeb tal-liġi, ibbażat fuq l-għarfien. L-għan tal-Istrateġija dwar id-Drogi li t-tnaqqis fil-provvista u r-riżultati tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jitkejlu aħjar, kif ukoll li jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati aħjar, huwa mtellef minħabba nuqqas ta' disponibbiltà ta' indikaturi ċentrali standardizzati f'dan il-qasam.

Fil-qasam tal-*kooperazzjoni internazzjonali*, skont l-Istati Membri, il-Pjan ta' Azzjoni kien importanti sabiex tinkiseb il-koerenza fi ħdan l-UE, u kunsens fuq livell internazzjonali. L-UE qegħda aktar ma jmur taħdem bħala waħda, b'mod partikolari fil-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi (CND), iżda jridu jsiru sforzi akbar sabiex ikun żgurat li l-UE titkellem b'vuċi waħda fil-laqgħat plenarji tas-CND. L-approċċ integrat u bbilanċjat tal-UE fejn jidħlu d-drogi serva ta' mudell għal Pajjiżi Kandidati kif ukoll għal ħafna pajjiżi tal-Politika ta' Viċinat meta kienu qed jiżviluppaw l-istrateġiji nazzjonali u l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom dwar id-drogi.

Ingħata sostenn lil għadd kbir ta' proġetti ta' assistenza ma' pajjiżi kandidati, u oħrajn tal-proċess ta' stabilizzazzjoni u asoċjazzjoni matul dawn l-aħħar snin. Fl-istess ħin, programmi ffinanzjati esternament kif ukoll proġett sew tal-KE kif ukoll tal-Istati Membri għandhom jintrabtu b'mod aktar espliċitu mal-prijoritajiet tal-politika tal-UE dwar id-drogi. Ir-rotot tat-traffikar tad-drogi li qed jiżviluppaw jitolbu kooperazzjoni flessibbli u wiesgħa ma' pajjiżi f'reġjuni milquta.

Fejn jidħlu *l-informazzjoni, ir-riċerka u l-evalwazzjoni*, l-evalwazzjoni tasal għall-konklużjoni li l-kwalità ta' informazzjoni li hija disponibbli dwar is-sitwazzjoni tad-drogi fl-Ewropa tgiebet f'dawn l-aħħar snin, iżda għandhom jiġu kkunsidrati aktar passi sabiex tinkiseb koordinazzjoni u komplimentarjetà akbar bejn l-istrutturi tar-riċerka u dawk li jiffinanzjaw ir-

riċerka fuq livell nazzjonali u tal-UE. It-tnaqqis li jista' jseħħ fis-sostenn min-naħa tal-gvernijiet għall-Punti Fokali Nazzjonali huwa ta' tħassib peress li dawn huma x-xewka ta' dahar l-infrastruttura tal-informazzjoni tal-EMCDDA. Il-bżonn ta' evalwazzjoni tal-politika dwar id-droga għadu importanti ħafna.

1.3. Il-qagħda bħalissa

Fl-UE, l-aktar droga illeċita kkunsmata għadha l-kannabis, b'17.5 miljun Ewropew li użaw din is-sustanza s-sena l-oħra. Il-kokaina ġiet użata minn 4.5 miljun Ewropew is-sena l-oħra u l-użu tagħha żdied b'mod drammatiku f'ċerti Stati Membri, filwaqt li l-użu tal-ekstazi jidher li b'mod ġenerali naqas xi ftit. L-użu tal-erojina u l-injezzjoni tad-droga jidher li hu b'mod ġenerali stabbli. L-età dejjem nieżla ta' meta ż-żgħażaġh qed jieħdu d-droga l-ewwel darba, kif ukoll iż-żieda fl-użu ta' drogi differenti f'daqqa huwa ta' sfida ewlenija fejn tidħol il-prevenzjoni u l-kura.

Fl-UE bejn 1 u 8 minn kull 1,000 abitanti jużaw id-droga b'mod li jwassal għal problemi. Ikun hemm bejn 7 500 u 8 000 mewt relatata mad-droga. Huwa stmat li bejn 100 000 u 200 000 Ewropew li injettaw id-droga f'xi mument f'ħajjithom jgħixu bl-HIV, u madwar miljun bil-Epatite C. Ir-riskju ta' infezzjoni huwa għoli b'mod partikolari f'ċirkustanzi partikolari, fejn jintużaw l-istess labar minn diversi persuni, pereżempju fil-ħabsijiet. Fl-2005, 21 pajjiż tal-UE rrappurtaw 326 000 klijent ġdid li daħlu għal kura minħabba d-drogi. Fl-UE madwar 525 000 li jużaw id-drogi jinsabu fuq kura sostituttiva.

Il-produzzjoni, il-manifattura u t-traffikar tad-drogi għadhom fost l-attivitajiet primarji ta' networks organizzati ta' kriminalità li joperaw lejn u fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Hemm diversifikazzjoni dejjem tikber fir-rotot ta' traffikar lejn l-UE u kif ukoll fil-produzzjoni tad-droga fi ħdan l-UE u fil-postijiet minn fejn tidħol, bi traffikar fuq skala kbira fi ħdan l-UE.

Jintużaw ċerti passaġġi ċentrali għat-traffikar tad-droga lejn l-UE, li jibdew fl-Afganistan u jgħaddu minn pajjiżi Ażjatiċi ċentrali. Il-biċċa l-kbira tal-erojina tasal fl-Ewropa tal-Punent permezz tar-*Rotot Balkani*, li jibdew fit-Turkija iżda qed jiżdied dejjem aktar l-użu tar-*Rotta tal-Balkani ċentrali* mit-Turkija, mill-pajjiżi Balkani għal ġewwa l-Italja jew is-Slovenja. *Ir-rotta li tgħaddi mill-Ukrajina u r-Rumanija* qegħda wkoll issir aktar importanti. Għall-kokaina jeżistu tliet rotot ewlenin bil-baħar lejn l-Ewropa. *Ir-rotta ta' fuq* tibda' mill-Karibew u tgħaddi mill-Gżejjer Azores lejn il-Portugall u Spanja. *Ir-rotta ċentrali* tibda' mill-Amerika ta' Isfel u tgħaddi minn Kap Verde jew minn Madeira u l-Gżejjer Kanarji lejn l-Ewropa. Aktar riċenti, tfaċċat ir-*rotta Afrikana*, li tibda' fl-Amerika t'Isfel u tgħaddi mill-Afrika tal-Punent u minn hemm lejn il-Portugall u Spanja. L-Unjoni Ewropea hija reġjun ewlieni ta' produzzjoni ta' drogi sintetiċi, b'mod partikolari l-amfitamini u l-MDMA (l-ekstazi).

Il-qbid tad-droga stabilizza fl-aħħar snin, ħlief għall-kokaina, li fejn kien hemm żieda sinifikanti. Madankollu, il-prezzijiet tat-triq, aġġustati għall-inflazzjoni *naqsu* għad-drogi kollha msemmija matul il-perjodu 2000-2006, filwaqt li l-livell ta' qawwa baqa' stabbli jew naqas għall-kannabis, għall-amfitamini u għall-kokaina.

L-abbuż minn drogi illeċti jgħib miegħu spejjeż soċjali konsiderevoli għall-Istati Membri tal-UE. Stħarriġ tal-EMCDDA reċenti, li jgħib informazzjoni miġbura minn sitt Stati Membri tal-UE wera li n-nefqa pubblika fuq id-drogi kienet tirrappreżenta bejn 0.05% u 0.46% tal-PGD ta' dawn il-pajjiżi. Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti, l-EMCDDA tistma li n-nefqa pubblika totali li hi marbuta mad-droga fis-27 Stat Membru tal-UE u n-Norveġja hija bejn EUR 13 u 36 biljun kull sena, li tirrappreżenta sa 0.33 % tal-PGD tal-Istati Membri tal-UE.

1.4. Is-Sussidjarjetà u l-valur miżjud

L-Istati Membri tal-UE huma l-atturi prinċipali fil-qasam tad-droga u l-leġiżlazzjoni dwar id-droga hija l-ewwel u qabel kollox kompetenza nazzjonali. Madankollu, it-Trattati jagħrfu b'mod espliċitu l-ħtieġa li l-kwistjonijiet marbuta mad-droga jiġu affaċċjati fuq il-livell tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni³, u s-saħħa pubblika⁴. L-Istrateġija dwar id-Drogi tal-UE (2005-2012) tfasslet skont il-qafas legali preżenti, kif stipulat fit-Trattati tal-UE u tal-KE, ibbażat fuq il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni, tal-Komunità u tal-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

L-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2005-2008) turi li prattikament l-Istati Membri kollha jqisu li hemm valur miżjud f'li jkun hemm Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drogi fuq livell tal-UE. L-Istati Membri jindikaw li l-Pjan ta' Azzjoni jipprovdi għanijiet ċari fuq il-livell Ewropew u huwa ta' gwida għall-istabbiliment ta' prioritajiet nazzjonali, li jirriżulta f'koerenza u konverġenza akbar tal-politika dwar id-drogi bejn il-pajjiżi fuq bażi volontarja. Jipprovdi wkoll gwida għall-iskambju tal-aħjar prassi u għall-iżvilupp ta' livelli komuni f'ħafna oqsma ċentrali sew fejn jidħol it-tnaqqis sew tad-domanda għad-droga kif ukoll għall-provvista tagħha. Il-Pjan ta' Azzjoni jipprovdi qafas komprensiv ta' politika dwar id-droga, u ħajjar l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali wiesa' ta' kwalità għolja, kif ukoll ta' pjanijiet ta' azzjoni madwar l-UE.

Ħafna Stati Membri indikaw li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kien importanti għall-kooperazzjoni internazzjonali u li l-UE saret aktar influwenti fix-xena internazzjonali fil-qasam tad-drogi minħabba l-fatt li hija tista' taħdem fuq il-bażi tal-kunsens rifless fil-Pjan ta' Strateġija u ta' Azzjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għandu rwol importanti fil-preżentazzjoni tal-mudell Ewropew għall-politika dwar id-drogi, b'approċċ bilanċjat u bid-drittijiet fundamentali bħala l-pedamenti tiegħu. L-attenzjoni fuq tfassil ta' politika bbażat fuq il-provi, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-informazzjoni kien valur miżjud importanti għal-linji ta' politika nazzjonali dwar id-drogi, li wasslet għal attenzjoni akbar għall-effettività u l-effiċjenza fuq livell nazzjonali u fl-identifikazzjoni u t-tqabbil ta' xejriet.

1.5. Għanijiet

Peress li l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2005-2012) tibqa' l-politika ta' bażi għall-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi ġdid, l-għanijiet u l-prioritajiet kif definiti fl-Istrateġija jibqgħu validi. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drogi tal-UE (2005-2008) kien jinkludi 46 għan u 86 azzjoni operattiva. Il-kunsiderazzjoni tal-għanijiet u azzjonijiet potenzjali ġodda kollha fi Pjan ta' Azzjoni ġdid, jew li jiġu eżaminati kull waħda mit-30 jew aktar konklużjoni kif identifikati fid-definizzjoni tal-problema, jkun imur lil hinn mil-limitazzjonijiet ta' din l-istima tal-impatt

Bħala alternattiva, din l-istima tal-impatt tikkonċentra fuq għadd limitat ta' konklużjonijiet mill-evalwazzjoni f'termini ta' għanijiet operattivi ġodda potenzjali. L-impatt perċeput tal-pjan ta' azzjoni kollu kemm hu, kif ukoll l-impatt ta' kull wiehied mill-eżempji magħżula huma analizzati għal kull waħda mill-għażliet ta' politika. L-għanijiet ġenerali ta' strateġija għad-dimensjonijiet ċentrali tnaqqis fid-domanda u fil-provvista tad-droga kif ukoll għal temi ġenerali, il-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-informazzjoni, ir-riċerka u l-

³ It-Titolu VI, l-artikoli 29 u 31(1)e TUE

⁴ L-Artikolu 152 TKE

evalwazzjoni, huma mbagħad ippreżentati f'sezzjoni 3 tar-rapport. Inħadmu żewġ eżempji ta' għanijiet operattivi għal kull għan ġenerali ta' strateġija.

1.6. L-identifikazzjoni u l-istima ta' għażliet ta' politika

Peress li l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2005-2012) għadha tgħodd, l-ebda waħda mill-għażliet ippreżentati m'għandha twassal għal tibdil maġġuri ta' politika. Għal din l-istima ta' impatt, ġew ikkunsidrati sitt għażliet ta' politika. Dawn it-tlieta li ġejjin ġew ikkunsidrati bħala vijabbli.

L-Ewwel Għażla – Kollox jibqa' kif inhu (kuntest bażi): *B'din l-għażla, ma ssir l-ebda proposta għal Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tat-tieni nofs tal-Istrateġija dwar id-Drogi tal-UE (2005-2012). L-Istrateġija tkompli ttiprovdi qafas ġenerali għal attivitajiet relatati mad-drogi fl-UE, iżda ma huma identifikati l-ebda għanijiet jew azzjonijiet operattivi, ma jiġu żviluppati l-ebda indikaturi għall-implimentazzjoni u ma jiġu stipulati l-ebda skadenzi għall-azzjonijiet.*

It-tieni Għażla – Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2005-2008) jiġġedded għal erba' snin oħra: *Din l-għażla tkun tfisser li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2005-2008) jiġġedded. L-azzjonijiet li huma għaddejjin jitkomplew. L-azzjonijiet li huma lesti jitneħħew. Ma jiżdiedu l-ebda azzjonijiet ġodda.*

L-Għażla 3.2 – Jiġi ppreżentat Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2009-2012) dettaljat, li jkun ikopri għanijiet operattivi u azzjonijiet fuq livell sew tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri. *Din l-għażla tibni fuq il-lezzjonijiet ewlenin mill-aħħar evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2005-2008). Il-proposta għal Pjan ta' Azzjoni ġdid u dettaljat sew għal-livell tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri tkun tinkludi r-riżultati tal-evalwazzjoni u tkun tista' tiġi adattata għall-aktar tibdil reċenti u l-aktar għarfien reċenti fejn tidħol is-sitwazzjoni tad-droga fl-UE.*

1.7. Analiżi u tqabbil tal-impatti

Is-suppożizzjoni li hemm fil-bażi tal-Istrateġija dwar id-Drogi, u l-Pjani ta' Azzjoni tagħha hija li approċċ ta' politika intergrat u multidixxiplinarju, li jkun iġib flimkien oqsma differenti ta' politika tad-droga u l-implimentazzjoni ta' għanijiet multipli fl-istess ħin, ikun iwassal għal sinerġiji u għal impatt akbar.

It-tqabbil tal-għażliet juri li jekk issir l-għażla 1, il-kuntest ta' bażi, dan iwassal għal politika dwar id-drogi f'livell tal-UE li tkun nieqsa mill-impetu u mid-dinamiżmu. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2005-2012) tibqa' valida, iżda mingħajr l-ebda Pjan ta' Azzjoni li jkompli jimplimentaha, l-azzjonijiet ta' politika jkunu l-aktar ad hoc, mingħajr koerenza u ma jkollhomx integrati fi hdnhom l-aħħar xejriet u żviluppi fis-sitwazzjoni tad-drogi. In-nuqqas ta' qafas ta' politika tal-UE jista' jżid id-diverġenzi bejn il-linji ta' politika nazzjonali, filwaqt li fuq livell tal-UE l-attivitajiet ikunu limitati għal kompetenzi u programmi eżistenti.

It-tieni Għażla tkun tfisser li d-difetti u n-nuqqasijiet fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2005-2008) preżenti ma jiġux irranġati u l-iżviluppi u x-xejriet ġodda ma jkunux speċifikament indirizzati. In-nuqqas ta' qafas ta' azzjoni komuni ġdid aġġornat jista' jwassal għal nuqqas ta' viżibbiltà u ta' prijorità għall-kwistjoni tad-droga fuq livell tal-UE u tal-Istati Membri. Din l-għażla tista' titqies bħala waħda mingħajr riskji peress li diġà hemm qbil dwar għanijiet u azzjonijiet.

Jekk issir l-*Għażla* 3.2 dan iwassal għal attenzjoni fuq il-problemi identifikati fl-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2005-2008). Pjan ta' Azzjoni ġdid jista' jintegra fih tibdil li tfaċċa fl-aħħar snin, u jibdel l-iffokar tal-għanijiet fil-Pjan ta' Azzjoni, b'mod li l-azzjonijiet ikunu jistgħu isiru aktar effettivi u miżurabbli. Din l-għażla tkun aktar konformi mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi li b'mod espliċitu tipprevedi **żewġ** Pjani ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi konsekuttivi bil-għan li l-għanijiet jiġu tradotti u implimentati.

Fil-qosor, l-*ewwel għażla* tkun pass lura. L-evalwazzjoni turi biċ-ċar li hemm il-bżonn ta' Pjan ta' Azzjoni aktar konċiż u pprijoritizzat li jintegra fih għarfien ġdid u sfidi ġodda. Għaldaqstant mhix rakkomandata l-*għażla* 2. Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE dwar id-Drogi (2009-2012) kif ippreżentat fl-*għażla* 3.2 joffri dawn il-posibbiltajiet u għalhekk huwa l-għażla ppreferuta.

1.8. Sorveljanza u valutazzjoni

Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid kif deskritt fl-*għażla* 3.2 għandu jipprovdi indikatur u qafas għal kull azzjoni u jaħtar il-partijiet responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni se tkompli tfassal l-Analiżi tal-Progress annwali. Fl-2012 se ssir evalwazzjoni ġenerali tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2009-2012) u l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2005-2012).

L-EMCDDA u l-Europol se jkomplu jħejju rapporti dwar l-istat tal-problema tad-droga għall-oqsma ta' kompetenza tagħhom. Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid propost se jpoġġi enfażi speċifika fuq it-titjib tal-miżurabbiltà tal-impatti tal-politika fuq is-sitwazzjoni tad-drogi u jipproponi indikaturi għat-tnaqqis fil-provvista u l-infurzar tal-liġijiet.